MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru 25/2009

**Il-Qorti:**

**1.** Din hi sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta’ provi sollevati mill-akkuzat bin-nota tieghu prezentata fis-6 ta’ Awwissu 2009.

**2.** L-imsemmi Lanzon jinsab akkuzat, fi tlett kapi separati, b’tentattiv ta’ omicidju volontarju, tentattiv ta’ serq kwalifikat u serq kwalifikat u kontinwat. Permezz tal-imsemmija nota tas-6 ta’ Awwissu 2009 huwa ssolleva ghaxar eccezzjonijiet (kemm preliminari kif ukoll dwar l-ammissibilita` ta’ provi) izda fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2010 l-istess akkuzat, tramite l-avukat ta’ fiducja tieghu, irtira l-eccezzjonijiet kollha hlief ghal dik immarkata bin-numru 7. Din l-eccezzjoni (li hi dwar l-ammissibilita` ta’ provi li ghandu hsieb li jgib ‘il quddiem l-Avukat Generali) tghid hekk: “…l-inammissibilita` tar-ritratt riprodott fl-imsemmija relazzjoni [ta’ Dr Mario Scerri] inkwantu ma hemm l-ebda nomina biex jaghmel hekk, kif ukoll l-inammissibilita` tal-konkluzzjonijiet tieghu, peress li huma principalment jikkostitwixxu (*sic*!) bhala *documentary hearsay*.”

**3.** Ir-relazzjoni msemmija tinsab a fol. 42 *et seq.* tal-attijiet tal-istruttorja. Fiha hemm diversi ritratti tal-allegata vittma mehuda fl-Isptar San Luqa. Hemm ukoll ritratt tal-akkuzat. Fir-relazzjoni – a fol. 64 – jinghad ukoll hekk: “Illi Lanzon qal lill-esponent illi hu kien ta xi daqqiet lil Cachia b’lasta ta’ xkupa.”

**4.** L-imsemmi Dott. Mario Scerri kien gie nominat mill-Magistrat fil-kors ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere* (ara fol. 1 tal-*proces-verbal* a fol. 24) bhala “Espert Forensiku” – nomina li timplika li huwa kellu jaghmel dak kollu li l-professjoni u s-sengha ta’ perit mediko-legali tirrikjedi li jsir (ara *passim* is-sentenza tal-bierah ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Carmel Vella**). Issa, ma hemmx dubbju li fost l-affarijiet li perit mediko-legali ghandu jaghmel hu li jezamina l-allegata vittma u jiddeskrivi l-offizi li rriskontra (u li jistghu jigu wkoll spjegati permezz ta’ ritratti), kif setghu saru, u jghid x’jistghu jkunu l-konsegwenzi ta’ tali offizi; jezamina r-*records* ta’ l-isptar; u, jekk ikun hemm bzonn, anke jikseb informazzjoni minghand haddiehor, basta li tigi osservata d-disposizzjoni tal-Artikolu 653(3) tal-Kap. 9. Perit mediko-legali ghandu wkoll, f’kaz li jkun hemm persuna suspettata li seta’ kellha x’taqsam fl-incident *de quo*, jezamina lil din il-persuna biex jara, fost affarijiet ohra, jekk kellhiex xi offizi li possibilment setghu sehhew fil-kors ta’ xi kolluttazzjoni; u anke biex jara jekk hemmx xi “tracci” ohra (ez. demm jew *body fluids*) li jorbtu jew jikkonnettu lil dik il-persuna l-ohra mal-allegata vittma. Huwa proprju ghalhekk li minn fol. 62 il-quddiem hemm l-ezami mediko-legali tal-akkuzat, allura suspettat. Ir-ritratt tal-akkuzat a fol. 63 huwa intiz bhala mezz ta’ identifikazzjoni. Jekk waqt dan l-ezami s-suspettat ghazel li jghid xi haga lill-perit nominat – anke jekk dan sar wara xi mistoqsija li l-perit ikun ghamel ghalbiex jespleta l-inkarigu tieghu – dan ma jirrendix it-twegiba inammissibbli bhala prova. Ma hemm xejn fir-relazzjoni msemmija li hu inammissibbli jew li jammonta ghal “documentary hearsay”.

**5.** Konsegwentement l-eccezzjoni, kif formulata, hija kompletament bla bazi.

**6.** Ghall-motivi premessi tichad l-imsemmija eccezzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------